



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 116/25

Il-Lussemburgu, 11 ta' Settembru 2025

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-59/23 P | L-Awstrija vs Il-Kummissjoni (Impjant tal-enerġija nukleari Paks II)

Il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-għajjnuna mill-Ungerija għall-impjant tal-enerġija nukleari Paks II

Il-Kummissjoni kien messha tivverifika jekk l-għoti dirett tal-kuntratt għall-kostruzzjoni taż-żewġ reatturi ġodda lil impriża Russa kinux konformi mar-regoli tal-Unjoni dwar il-kuntratti pubbliċi

F'appell ippreżentat mill-Awstrija, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea f'din il-kawża, kif ukoll id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tapprova l-għajjnuna mill-Ungerija għall-iżvilupp ta' żewġ reatturi nukleari ġodda fis-sit tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Paks. Peress li l-kostruzzjoni taż-żewġ reatturi tagħmel parti mis-suġġett tal-għajjnuna u peress li l-għoti dirett tal-kuntratt ta' kostruzzjoni lil impriża Russa jorbot ma' dan is-suġġett b'mod li ma jistax jinfired minnu, il-Kummissjoni kien messha tivverifika jekk dan l-għoti dirett, mingħajr proċedura pubblika ta' sejħa għal offerti, kienx konformi mar-regoli tal-Unjoni dwar il-kuntratti pubbliċi.

Permezz ta' deċiżjoni tas-6 ta' Marzu 2017 ¹, il-Kummissjoni approvat l-għajjnuna għall-investiment li l-Ungerija kienet biħsiebha tagħti lill-impriża tal-Istat MVM Paks II ² għall-iżvilupp ta' żewġ reatturi nukleari ġodda fis-sit tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Paks. Dawn ir-reatturi ġodda kellhom bil-mod il-mod jieħdu post l-erba' reatturi eżistenti. MVM Paks II kienet mistennija li ssir, mingħajr ħlas, il-proprietarja u l-operatur taż-żewġ reatturi ġodda. Il-kostruzzjoni tagħhom kellha tiġi ffinanzjata kollha kemm hi mill-Istat Ungeriż.

Il-kostruzzjoni tar-reatturi ġodda ġiet fdata, b'għoti dirett ³, lill-kumpanija Russa Nizhny Novgorod Engineering ⁴, u dan skont ftehim bejn ir-Russja u l-Ungerija dwar il-kooperazzjoni fl-użu paċifiku tal-enerġija nukleari. Fl-istess ftehim, ir-Russja ntrabtet li tagħti lill-Ungerija self mill-Istat għall-finanzjament tal-biċċa l-kbira tal-iżvilupp tar-reatturi ġodda ⁵.

L-Awstrija ⁶ kkontestat id-deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-Kummissjoni ⁷ quddiem il-Qorti Ġenerali. B'sentenza tat-30 ta' Novembru 2022 ⁸, il-Qorti Ġenerali ħadhet ir-rikors. Għalhekk, l-Awstrija ⁹ appellat mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla kemm is-sentenza tal-Qorti Ġenerali, kif ukoll id-deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-Kummissjoni.

Hija tqis, b'mod partikolari, li, għall-kuntrarju ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni ma setgħetx sempliċement tivverifika jekk l-għajjnuna inkwistjoni kinitx konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-għajjnuna mill-Istat, **iżda kien messha wkoll tivverifika jekk l-għoti dirett tal-kuntratt ta' kostruzzjoni taż-żewġ reatturi nukleari ġodda kienx konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi.**

Fil-fatt, il-kostruzzjoni taż-żewġ reatturi kienet tagħmel parti integrali mill-miżura ta' għajjnuna kkomunikata mill-

Ungerija u intiża li dawn iż-żewġ reatturi jiġu forniti mingħajr ħlas lil MVM Paks II. Barra minn hekk, l-għoti dirett tal-kuntratt ta' kostruzzjoni kien indispensabbli sabiex iseħħ is-suġġett ta' din l-għajnuna u kien għalhekk jikkostitwixxi aspett li ma jistax jinfired minnu ¹⁰.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li l-organizzazzjoni ta' proċedura miftuħa ta' sejħa għal offerti għall-għoti ta' kuntratt li jirrigwarda l-kostruzzjoni ta' xi infrastruttura jista' jkollha effett, b'mod partikolari, fuq l-ispiża tal-investment meħtieġ għal din il-kostruzzjoni u fuq il-proprjetajiet ta' din l-infrastruttura. Għaldaqstant, tali proċedura jista' jkollha influwenza fuq il-portata tal-vantaġġ li impriża jew grupp ta' impriżi jistgħu jingħataw b'dan il-mod.

Barra minn hekk, inkwantu l-Kummissjoni qieset, fid-deċiżjoni ta' approvazzjoni tagħha, li, fi kwalunkwe każ, l-għoti dirett tal-kuntratt ta' kostruzzjoni kien konformi mar-regoli dwar l-għoti ta' kuntratti, din id-deċiżjoni ma hijiex motivata biżżejjed. Fil-fatt, is-sempliċi riferiment għall-proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li l-Kummissjoni kienet fetħet kontra l-Ungerija fl-2015 b'rabta mal-għoti dirett tal-kuntratt ta' kostruzzjoni u li hija kienet għalqet billi qieset li dan l-għoti kien konformi mar-regoli dwar il-kuntratti pubbliċi ma huwiex biżżejjed peress li ma jippermettix lil dak li jkun jifhem ir-raġunijiet speċifiċi li wasslu għal din il-konklużjoni.

NOTA: Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tieħu konjizzjoni ta' appell, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett sospensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża tkun fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess taqta' l-kawża b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sommarju](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ [Deċiżjoni tal-Kummissjoni \(UE\) 2017/2112](#) tas-6 ta' Marzu 2017 dwar il-miżura/l-iskema ta' għajnuna/l-għajnuna mill-Istat SA.38454 - 2015/C (ex 2015/N) li l-Ungerija qed tippjana li timplimenta biex tappoġġja l-iżvilupp ta' żewġ reatturi nukleari ġodda fl-impjant tal-enerġija nukleari Paks II.

² MVM Paks II Nuclear Power Plant Development Private Company Limited by Shares.

³ Jiġifieri mingħajr proċedura pubblika ta' sejħa għal offerti.

⁴ Nizhny Novgorod Engineering Company Atomenergoproekt.

⁵ Ir-Russja kienet intrabtet li ttipprovdi linja ta' kreditu li jdur ta' EUR 10 biljun. L-Ungerija kellha wkoll ttipprovdi ammont addizzjonali ta' EUR 2.5 biljun mill-baġit tagħha stess.

⁶ Sostnuta mil-Lussemburgu.

⁷ Il-Kummissjoni ġiet sostnuta mill-Ungerija, mir-Repubblika Ċeka, minn Franza, mill-Polonja, mis-Slovakkja u mir-Renju Unit.

⁸ Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Novembru 2022, L-Awstrija vs Il-Kummissjoni, [T-101/18](#) (ara wkoll l-Istqarrija għall-Istampa [Nru 192/22](#)).

⁹ Sostnuta mill-ġdid mil-Lussemburgu. Il-Kummissjoni, mill-banda l-oħra, sostnuta mill-Ungerija, mir-Repubblika Ċeka, minn Franza u mill-Polonja.

¹⁰ Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni ksur ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni minbarra dawk fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat fil-każ fejn tali ksur ikun jirriżulta mill-attività ekonomika ffinanzjata, mill-għajnuna jew mis-suġġett tagħha *per se* jew minn aspetti marbuta mas-suġġett tal-għajnuna b'mod li ma jistgħux jinfirdu minnu.